# MALTA

## QORTI CIVILI
## PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

**LL.D.; Dip. Stud. Rel.; Dip. Can. Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert. Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Illum it-23 ta' Novembru, 2016.**

**Rikors Numru 1068/2012 SM**

**Giovanna *sive* Jane Mifsud**
**(I.D. No. 449847 M)**

**vs.**

**(i) Michael Borg u (ii) Amanda Mifsud**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors guramentat promotur datat l-24 t'Ottubru, 2012, li permezz tieghu r-rikorrenti sintetikament esponiet is-segwenti: (ara foll 1)

1.1. Illi ghamlet perjodu tabita mal-intimati;

1.2. Illi meta waqfet tabita mal-intimati indunat li huma kien japproprijaw ruhhom b'mod indebitu minn flusha;

1.3. Illi l-ammont minnhom hekk approprijat jammonta komplessivament ghal sittax- il elf erba' mija u erbghin euro, (€16,440.00), appartenenti lir-rikorrenti;

1.4. Illi l-intimati injoraw is-suppliki ripetuti tar-rikorrenti biex iroddu lura l-ammont minnhom lilha mehud;

1.5. Illi minflok offrew li jroddu parti mill-istess somma u skont l-istess intimati iddepozitaw parti mill-istess taht l-awtorita` ta' din il-qorti;

1.6. Illi ghalhekk aderiet din il-qorti biex l-intimati jkollhom l-opportunita` jghidu ghaliex din il-qorti m'ghandiex:

1.6.1. Prevja dikjarazzjoni, jekk mehtiega, li l-intimati approprijaw ruhhom b'mod indebitu tas-somma fuq indikata, (ara paragrafu numru wiehed punt tlieta, (1.3.), aktar qabel), appartenenti lir-rikorrenti;

1.6.2. Tikkundanna lill-istess intimati biex ihallsu lir-rikorrenti s-somma in dizamina fuq indikata;

1.6.3. Bl-ispejjez kontra l-intimati u bl-imghaxijiet skont il-ligi mid-data tal-prezentata tar-rikors guramentat promotur sad-data tal-effettiv pagament;

2. Rat id-digriet taghha datat il-5 ta' Novembru, 2012, li permezz tieghu appuntat l-istess rikors ghas-smigh ghall-udjenza hemm indikata, (ara foll 9);

3.0. Rat ir-risposta datata s-26 ta' Novembru, 2012, li permezz taghha l-intimati irrispondew sintetikament bil-mod segwenti: (ara foll 16)

3.1. Illi t-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu respinti *stante* li infondati;

3.2. Illi l-fatti kif allegati mir-rikorrenti huma skorretti *stante* li m'approprijawx ruhhom mis-somma kif indikata fir-rikors guramentat promotur;

3.3. Illi kienet ir-rikorrenti li gibdet il-flus *de quo* mill-kont bankarju taghha;

3.4. Illi l-ammont indikat mir-rikorrenti intuza biss mir-rikorrenti ghall-htigijiet taghha u/jew bil-mod li hi hasset li kellha tiddisponi minnhu, u minghajr ma kienet kostretta;

3.5. Illi mis-somma riferita mir-rikorrenti fir-rikors guramentat taghha l-istess rikorrenti tat l-ammont ta' sebat elef euro, (€7,000.00), lill-intimati, liema ammont gie depozitat mill-istess intimati permezz ta' cedola appozita, (ara foll 19);

3.6. Illi d-depozitu riferit fil-paragrafu precedenti sar minghajr pregudizzju jew accettazzjoni ta' htija;

3.7. Illi r-rikorrenti stess gibdet is-somma fuq indikata u nefqet ammonti konsiderevoli f'rigali ghaliha, ghal terzi, u hallset kontijiet;

3.8. Illi r-rikorrenti trid tipprova l-allegazzjonijiet taghha;

4. Rat id-digriet taghha datat is-6 t'April, 2016, li permezz tieghu fuq talba appozita tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet, awtorizzat lill-istess biex jittrattaw il-kaz bil-modalita` u fit-termini hemm indikati, (ara foll 138);

5. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti datata is-6 ta' Mejju, 2016, (ara foll 139), flimkien man-nota ta' sottomissjonijiet tal-intimati datata l-15 ta' Gunju, 2016, (ara foll 147);

6. Semghet ix-xhieda prodotta;

7. Ezaminat id-dokumenti esebiti inkluzi d-dikjarazzjonijiet guramentati prodotti;

8. Rat il-verbal tal-abbli rapprezentant legali tal-partijiet datat it-22 ta' Gunju, 2016, li permezz tieghu ddikjaraw li kienu qed jistriehu fuq in-noti ta' sottomissjonijiet taghhom;

Ikkunsidrat:

9.0. Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura in dizamina jistghu jigu sintetikament elenkati bil-mod segwenti:

9.1. Illi r-rikorrenti hi mara anzjana, (ara n-numru tal-karta tal-identita` taghha a foll 1), hi dipendenti, (ara foll 85 u 86), u hi kwazi illitterata billi ssosstni li ma tantx taf taqra u tikteb, (ara foll 86);

9.2. Illi ghall-perjodu ta' kwazi sitt (6) xhur bejn Frar u Awwissu, 2012, kienet tghix mal-intimati senjatament binta Amanda Mifsud u s-sieheb taghha Michael Borg, (ara foll 24 u 85);

9.3. Illi r-rikorrenti ma kienitx taf tuza li-*quickcash card* taghha, (ara foll 25), u l-flus mill-kont tar-rikorrenti kienu jingibdu mill-intimat Michael Borg, (ara wkoll foll 25 u 51);

9.4. Illi in effetti l-intimati kellhom access ghall-*quickcash card* tar-rikorrenti, (ara foll 25 u 51);

9.5. Illi pero` l-istruzzjonijiet li l-intimati inghataw mir-rikorrenti kienu li huma kellhom juzaw il-*quickcash card* tar-rikorrenti biss ghall-bzonnijiet taghha, (ar foll 85);

9.6. Illi l-intimati kellhom juzaw l-imsemmija *quickcash card* biex l-intimat Borg jigbed il-pensjoni tar-rikorrenti fuq struzzjonijiet u ghall-bzonnijiet tar-rikorrenti stess, (ara foll 25);

9.7. Illi r-rendikont bankarju kien jintbghat regolarment lil Michael Cutajar, ir-ragel ta' bint ir-rikorrenti, certa Maryanne, (ara foll 53);

9.8. Illi meta l-imsemmi Michael Cutajar ma baqax jircievi dawn id-dokumenti, informa lir-rikorrenti b'dan *stante* li beda jissusspetta hazin, (ara foll 53);

9.9. Illi meta, meghjuna mill-istess Michael Cutajar, ir-rikorrenti marret tivverifika l-affarijiet bankarji taghha fil-branka tal-bank ta' Haz-Zebbug, irrizulta li effettivament kellha zewg (2) kontijiet bankarji;

9.9.1. Wiehed li fih kienet tidhol il-pensjoni ta' Malta tar-rikorrenti;

9.9.2. Kont iehor li fih kienet tidhol il-pensjoni taghha mill-Ingilterra, (ara foll 54);

9.10. Illi minn dawn il-kontijiet irrizulta li kienu jinhargu s-segwenti ammonti:

9.10.1. €550.00 fix-xahar approvati mill-istess rikorrenti, (ara foll 54);

9.10.2. €16,440.00 li r-rikorrenti ssosstni li ma kienx debitament awtorizzat lill-intimati biex jigbdu dan l-ammont, (ara foll 50);

9.11. Illi rizultat tal-istess ir-rikorrenti ma baqghetx tirrisjedi mall-intimati u marret tghix ma bintha l-ohra Maryanne u zewgha Michael Cutajar, (ara foll 54);

Ikkunsidrat:

10.0. Illi daparti taghhom l-intimati sintetikament isosstnu s-segwenti:

10.1. Illi jichdu li irtiraw xi flejjes mill-kont tar-rikorrenti minghajr il-kunsens taghha, (ara foll 48);

10.2. Illi l-intimati ddepozitaw €7,000.00 fir-registru ta' din il-qorti li jsosstnu li l-istess ammont kien inghata lilhom mir-rikorrenti bhala donazzjoni, (ara foll 48);

Ikkunsidrat:

11. Illi l-procedura odjerna giet inizjata ghaliex ir-rikorrenti tallega li l-intimati approprijaw ruhhom indebitament minn €16,440.00 li kienu fil-kontijiet bankarji tal-istess rikorrenti;

12.0. Illi l-intimati jsosstnu minflok li kienet ir-rikorrenti li gibdet l-istess ammont indikat fil-paragrafu precedenti mill-istess kontijiet taghha, u intuza mill-istess rikorrenti:

12.1. Kemm bil-mod kif xtaqet l-istess rikorrenti; u

12.2. Ghall-bzonnijiet tar-rikorrenti stess;

Ikkunsidrat:

13. Illi fil-perjodu in dizamina r-rikorrenti ssosstni li tat il-*quickcash card* taghha lill-intimati biex huma jigbdu ghaliha s-somma ta’ €550.00 fix-xahar, u minn dan l-ammont jaghtuha €100.00 minnhom, u jzommu l-ammont rimanenti ta’ €450.00, bhala kumpens *stante* li kienet qed tghix maghhom, (ara foll 85);

Ikkunsidrat:

14. Illi jigi immedjatament sottolineat f’dan l-istadju li l-procedura odjerna ma tirrigwardax dan l-ammont mensili mizmum mill-pensjoni tar-rikorrenti *stante* li jirrizulta li l-intimati kienu debitament awtorizzati mill-istess rikorrenti biex jigbdu l-ammont fuq indikat u jzommu l-porzjon fuq riferit mill-pensjoni tal-istess ghas-servizzi minnhom lilha rezi, inkluza l-akkomodazzjoni tal-istess rikorrenti fl-abitazzjoni taghhom, (ara foll 85);

15. Illi ghalhekk il-procedura odjerna tirrigwarda l-ammont ulterjuri fuq indikat li jmur lil hemm mill-pensjoni fuq riferita;

Ikkunsidrat:

16.0. Illi mit-traskrizzjoni ta’ *recording* pjuttost iffjorita ta’ kollokwju redatt a foll 93 *et sequitur* jirrizulta s-segwenti:

16.1. Illi l-interlokuzzjoni saret meta r-rikorrenti kienet qed tabbanduna d-dar tal-intimati;

16.2. Illi l-intimati riedu lir-rikorrenti tmur ghand nutar biex jirritornawlha flusha lura, (ara foll 95);

16.3. Illi fl-istess *recording* ma tissemma l-ebda donazzjoni;

16.4. Illi minflok jinstema li r-rikorrenti tghid lill-intimata Amanda Mifsud, bintha, biex tirritornala l-flus lura, (ara foll 95);

Ikkunsidrat:

17. Illi rigward ir-rendikont prezumibilment redat mir-rikorrenti meta hi telqet mir-residenza tal-intimati esibit a foll 28, 41 u 124, il-fatt li l-firma tar-rikorrenti hi fit-tielet pagna biss tal-istess dokument u fuq karta vojta, hu tassew suspettuz;

18. Illi *di piu`*, ma jirrizultax verosimili fl-atmosfera li tirrizulta mill-kollokju shun, imqanqal u verbalment vulgari riskontrat fil-mument meta r-rikorrenti harget mid-dar tal-intimati, li l-istess intimati kienu ser johorgu l-istess rendikont dettaljat biex jigi hemm iffirmat mir-rikorrenti wara li taccerta ruhha mill-precizjoni tieghu;

19. Illi *nonostante* l-istess rendikont iffirmat mir-rikorrenti, l-istess rikorrenti, kkorraborata minn Alexander Mifsud, tirrileva li effettivament inghatat l-istess rendikont biex tiffermah biss fil-genn riskontrat meta telqet mill-istess dar tal-intimati, (ara foll 51 u 80);

20. Illi ghandu jkun pacifiku li tali metodu t'espressjoni ta' kunsens volontarju qatt m'ghandu jigi karpit f'tali atmosfera shuna u intimidatorja;

21. Illi *di piu`*, rigward il-flus in dizamina mill-provi prodotti ma jirrizultax li Michael Cutajar fuq riferit kellu xi access ghall-flus tar-rikorrenti tramite l-*quickcash card, stante* li dan kien biss jircievi r-rendikont bankarju biss;

22. Illi fil-perjodu in dizamina il-*card* bankarja in dizamina kienet tintuza biss mill-intimati;

23. Illi ghalhekk jirrizulta pacifiku li l-flus in dizamina ma ingibdux mir-rikorrenti, anke *stante* li jirrizulta li ma tafx tuza s-sistema tal-*quickcash*;

24. Illi *di piu`*, jirrizulta mill-interlokuzzjoni traskritta u pprezentata *in atti* fir-rigward tal-mument meta r-rikorrenti finalment irrilaxxat ir-residenza tal-intimati, li l-intimati kienu approprijaw il-flus tar-rikorrenti u minghajr *mezzi termini* riedu lir-rikorrenti tmur maghhom ghand nutar biex jaghtuha flusha lura;

Ikkunsidrat:

25. Illi l-posizzjoni tal-intimati hi ekwiparata ma dik ta' mandatarju li qieghed jagixxi ghan-nom u fl-interess tal-mandant tieghu;

26. Illi f'dan ir-rigward l-artiklu 1864 tal-Kodici Civili jistipula s-segwenti:

> "Il-mandatarju ma jista' jaghmel xejn li johrog mill-limiti tal-mandat";

Ikkunsidrat:

27. Illi minn ezami approfondit tal-atti jirrizulta li l-intimati ma kienux qed jagixxu f'isem u fl-interess tar-rikorrenti meta fil-perjodu in dizamina huma kienu qeghdin jizbankaw il-flus tar-rikorrenti;

28. Illi mill-istess ma jirrizultax li l-intimati, *qua* mandatarji, agixxew in *buona fede*;

29. Illi *di piu`*, jirrizulta assodat ukoll li l-intimati in dizamina naqsu milli jippruvaw li kienu qed jigbdu l-flus *de quo* tal-anqas, bil-konsapevolezza tar-rikorrenti;

Ikkunsidrat:

30. Illi f'dan l-istadju ssir referenza ghall-ammont ta' €2,500.00 indikat a foll 59 bhala *"withdrawal"* mill-kont bankarju tar-rikorrenti;

31. Illi jigi sottolineat li dan l-ammont jirrizulta li gie irtirat fit-23 ta' Mejju, 2012, allura fil-perjodu meta r-rikorrenti kienet effettivament qed tirrisjedi mal-intimati;

32. Illi ghandu jkun pacifiku li sistema ta' irtirar ta' flus permezz ta' magni awtomatici, (ATM), ma tippermettix irtirar t'ammonti kospikwi bhal dak hemm indikat, (ara paragrafu numru tletin, (30.), aktar qabel);

33. Illi f'dan ir-rigward in effetti, kuntrarju ghall-*"withdrawals"* l-ohra indikati fl-istess rendikont in dizamina (ara foll 59), ma jirrizultax li f'dan il-"withdrawal" partikolari indikat bl-ittri "ATM" hdejn l-istess, li hu indikattiv il-fatt li allura tali irtirar ta' flus f'dan l-ammont ma kienx effettwat bis-sistema tal-"*quickcash"* izda kien minflok effettwat minn fergha tal-bank *de quo*, u b'hekk, probabilment mir-rikorrenti nnifisha u mhux mill-intimati;

34. Illi ghalhekk, l-ammont ta' €2,500.00 ghandha titnaqqas minn dik is-somma mitluba mir-rikorrenti;

35. Illi jirrizulta li mill-istess ammont hekk mitlub mir-rikorrenti ghandu jitnaqqas l-ammont ta' €45.02, bilanc li thalla fil-kont numru 400 18513701, (ara foll 61);

36. Illi ghalhekk jirrizulta li l-ammont totali ta' flus migbuda mill-intimati minn flus ir-rikorrenti jirrizultaw li komplessivament jammontaw ghal €13,894.98;

37. Illi *di piu`* jirrizulta wkoll li l-intimati iddepozitaw l-ammont ta' €7,000.00 fir-registru ta' din il-qorti;

Ikkunsidraw:

38.0. Illi in vista tal-premess din il-qorti hi sodisfatta li pprovat il-kaz taghha skont il-ligi, pero` f'ammont anqas minn dak minnha propost fir-rikors guramentat promotur taghha, u konsegwentement:

**DECIDE:**

38.1. Filwaqt li tirrespingi r-risposti kollha tal-intimati;

38.2. Takkolji parzjalment it-talbiet tar-rikorrenti;

38.3. Tiddikjara li l-intimati effettivament ipproprijaw b'mod indebitu l-ammont ta' tlettax- il elf tmin mija u erba' u disghin euro u tmienja u disghin centezmu, (€13,894.98), appartenenti lir-rikorrenti;

38.4. Tikkundanna lill-intimati Michael Borg u Amanda Mifsud biex ihallsu lir-rikorrenti Giovanna *sive* Jane Mifsud l-ammont likwidat fil-paragrafu precedenti;

38.5. Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali dovuti mid-data li fihom gew zbankati l-flus in dizamina *ai termini* tal-artiklu 1878 tal-Kodici Civili sal-effettiv pagament kontra l-intimati fuq indikati.

________________________

Onor. Imhallef Silvio Meli

**DECIZJONI FINALI**